



Brussell, 31 ta' Marzu 2020
(OR. en)

7075/20

SOC 182
EMPL 147
EDUC 114
ECOFIN 211

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
Nru. dok. preċ.:	6810/20
Suġġett:	Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2020 - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 148(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jipprevedi li *"il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu rapport konġunt annwali lill-Kunsill Ewropew dwar il-qagħda tal-Impjiegi fl-Unjoni u dwar l-implementazzjoni tal-linji ta' gwida għall-impjiegi"*.
2. Barra minn hekk, l-Artikolu 148(1) TFUE jgħid li *"Il-Kunsill Ewropew għandu kull sena jikkonsidra il-qagħda tal-impjiegi fl-Unjoni u jadotta konklużjonijiet dwarhom, fuq il-bażi ta' rapport konġunt annwali mill-Kunsill u l-Kummissjoni"*.
3. L-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2020 ġie ffinalizzat mill-Kumitat tal-Impjiegi fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Frar 2020.
4. Fil-11 ta' Marzu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) irrakkomanda li d-dokument jintbagħat lill-Kunsill (EPSCO) fid-19 ta' Marzu 2020 għall-adozzjoni.

5. Wara l-kanċellazzjoni tal-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) tad-19 ta' Marzu, minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) qabel li l-adozzjoni kellha ssir bħala punt A f'laqgħa li jmiss tal-Kunsill.
6. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali, mhuwiex ser ikun possibbli li r-rapport jiġi adottat bħala punt A f'laqgħa li jmiss tal-Kunsill, kif previst fid-dokument 6810/20.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2020 (li jinsab fid-dokument 6810/20).
